# EŻAMIJIET ANNWALI TA’ L-ISKOLA SEKONDARJA 2003

Taqsima ta’ l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta’ l-Edukazzjoni

**It-Tieni Sena** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ________________________ Klassi: ________________

Istruzzjonijiet lill-kandidati:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA GĦALL-MARKI

| Mistoqsija | A | B(i) | B(ii) | B(iii) | B(iv) | Ċ | D | E | F(i) | F(ii) | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 6 | 4 | 5 | 2 | 13 | 5 | 8 | 8 | 13 | 16 | 20 | 100 |
| Marki ta’ l-istudent/a | | | | | | | | | | | | |

Kummenti

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet :

# MASKRA SEWDA

Kienu ilhom jiġġerrew ma' Strada Rjali mis-siegħa ta' wara nofs in-nhar u kienu għadhom ma għejewx. Tfal żgħar għadhom bil-qalziet qasir, żgħażagħ fl-aħjar ta' żgħożithom, lebsin tajjeb, b'xagħarhom mitfugħ lura u midluk biż-żejt imfewwaħ, oħrajn imdaħħlin fiż-żmien, kif kien jixhdilhom wiċċhom li kien beda jitkemmex u xagħarhom li kien beda jeħfief; ma' dawn kont tara rġiel magħmula li ma kinux iridu jdaħħlu f'moħħhom li bdew jixjieħu. Din kienet il-folla tal-Karnival. (par. 1)

Kulħadd kien iħoss li għandu l-jedd jitbellah f'dak il-jum. Minn żmien għal żmien, minn sena għal sena, dik id-drawwa qadima ma seta' jeqridha ħadd. Donnu huwa bżonn li troddilna s-sena sabiex ninsew il-hemm u d-dwejjaq li nkunu ġarrabna fiha. Huwa l-jum meta l-bniedem jista' jgħajjat għajta kbira wara sena sħiħa ta' skiet. (par. 2)

Kien beda jidlam sewwa, iżda l-folla ta' Strada Rjali kienet għadha mhix għajjiena. Kien għadu jinstama' t-tisfir, l-għajat, l-inbix, id-daqq u l-għana fl-aħjar tagħhom. Miskin min jieħu għalih, kien jitfa' l-ġebla fuq siequ. Ħadd ma kellu l-jedd jitfantas dak in-nhar, kull min hu fit-triq kien jenħtieġlu joqgħod għal kollox. Għal kollox, ukoll għal xi daqqa ta' ballun iebes marbut ma' biċċa lastiku li terġa' troddu għand sidu u li ġġiegħlek tistħi iżjed milli tweġġgħek. Trid toqgħod ukoll għal xi daqqa ta' perlina li ttaqqablek rasek, ukoll għal xi kitba wara dahrek li triegħxek meta tintebaħ biha jew xi biċċa karta fuq il-kappell donnha ftila fil-musbieħ li twaqqgħek għad-daħk ta' kulħadd. Għal kollox. Dan huwa l-amar tal-Karnival. (par. 3)

U aktar ma jidlam, il-folla iżjed tisker, l-għajat, il-ġiri, it-tisfir kien żdied u wasal fl-aqwa tiegħu, donnu kulħadd tilef rasu. (par. 4)

L-arloġġ ta' San Ġwann daqq. Kien daħal il-ħin ġmielu u ż-żeffiena tal-belt kienu qegħdin jaħsbu biex jitilqu għat-teatri u għall-ballijiet. Wara ftit kont tara għaddejjin qatgħat ta' nisa lebsin ilbies ilellex, sejrin flimkien sabiex iqattgħu dik il-lejla fit-tbaħrid tal-ballu. Il-folla, xi drabi kienet tħallihom għaddejjin mingħajr ma tkellimhom, iżda mhux dejjem… Araw hemm x'ġara… (par. 5)

Qatgħa nies kienet miġbura quddiem it-triq ta' ħdejn il-Qorti tistenna lil xi ħadd ġej minn hemm isfel. Xi msejken kien waqa' taħt il-ħakma tal-folla u ma setax joħroġ minnha. F'daqqa waħda, imdawra minn ġemgħa kbira ta' nies, feġġet ġo Strada Rjali tfajla twila u misluta liebsa ta' Pierrot. Wiċċha kien imgħotti b'maskra sewda li kienet taslilha sa mneħirha. F'rasha kellha bħal karlotta sewda li minn taħtha kien jidher xagħar qastni maqtugħ bis-sengħa. (par. 6)

"Xi tridu minni?" kienet qiegħda tgħajjat ix-xbejba b'leħen imdagħdagħ, "ħalluni ngħaddi ! "
"Ma tgħaddix," għajjat wieħed mill-folla. "Illum minn hawn ħadd ma jgħaddi."
"Neħħi dik il-maskra sewda," għajjat ieħor - "jekk tneħħiha nħalluk tgħaddi." (par. 7)

(silta meħuda min-novella **MASKRA SEWDA** ta' Ġorġ Pisani)

## A. FEHIM IT-TEST (6 marki)

1. Mill-1 paragrafu semmi tnejn minn dawk li kienu jagħmlu parti mill-folla tal-Karnival.

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

2. Għid fi kliemek għaliex jinħass il-bżonn li kull sena nitbellhu f'jum il-Karnival. (par. 2)

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (1)

3. Semmi mod wieħed mit-3 paragrafu kif juri li l-Karnival huwa ż-żmien li matulu wieħed m'għandux jieħu għalih jekk iwaqqgħuh għaċ-ċajt.

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (1)

4. Fejn kienu jqattgħu l-lejla tal-Karnival iż-żeffiena tal-belt ? (par. 5)

______________________________________________________________ (1)

5. It-tfajla tal-maskra sewda kienet f'burdata differenti milli kienu n-nies li kienu qegħdin jiċċelebraw il-Karnival. (par. 7) Kif nafu dan ?

______________________________________________________________ (1)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (24 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

1. *kif kien jixhdilhom wiċċ**hom*** (par. 1). Għal min qiegħed jirreferi l-pronom ***hom*** fil-kelma *wiċċ**hom*** ?

______________________________________________________________ (1)

2. *sabiex ninsew il-hemm u d-dwejjaq* (par. 2). Għal min qiegħed jgħid il-kittieb b'din il-frażi ?

______________________________________________________________ (1)

3. *Meta jidlam sewwa.* X'espressjoni idjomatika nistgħu nużaw flok din il-frażi?

______________________________________________________________ (1)

4. *minn hemm isfel ( par. 6 )* Il-kelma ***hemm*** turi :

post ☐ persuna ☐ ħin ☐ (1)

### (ii) LESSIKU / VOKABULARJU

1. Agħti kliem ieħor li jfisser l-istess bħal dak tas-silta :

| | |
|---|---|
| a. jitfantas ( par. 3 ) | |
| b. tbaħrid ( par. 5 ) | |
| ċ. misluta ( par. 6 ) | |

(3)

2. Fisser dawn l-espressjonijiet :

a. kulħadd tilef rasu ( par. 4 ) ____________________________________________

b. daħal il-ħin ġmielu ( par. 5 ) ____________________________________________ (2)

## (iii) SINTASSI / SENTENZI

1. Għaqqad iż-żewġ sentenzi mingħajr ma tuża **U** bejn is-sentenzi :

Xi msejken kien waqa' taħt il-ħakma tal-folla u ma setax joħroġ minnha. F'daqqa waħda feġġet ġo Strada Rjali tfajla twila.

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________

____________________________________________________________________ (1)

2. Ikteb is-sentenza mod ieħor mingħajr ma tibdel is-sens tas-sentenza.

a. "Xi tridu minni?" kienet qiegħda tgħajjat ix-xbejba b'leħen imdagħdagħ, "ħalluni ngħaddi!" (par. 7)

b. Ix-xbejba staqsiet b'leħen irrabjat dwar x'iridu ________________________________

____________________________________________________________________ (1)

## (iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

1. Għaqqad f'kelma waħda l-kliem tal-parentesi

(L-ilbies tagħhom) ______________________ ikun ikkulurit fil-Karnival. (1)

2. Immarka b'sing taħtu l-pronom marbut mal-verb *għadhom* fil-frażi :

kienu għadhom ma għejewx. (1)

3. Daħħal **lil, lill-** fil-vojt

i) __________ mara riduha tneħħi l-maskra.

ii) Irrid noħroġ ________ ħuti. (2)

4. Qassar **lil-** billi timla l-vojt fis-sentenza

Agħti dawn il-kotba _________ librara. (1)

5. Biddel in-numri fi kliem

i) Iltqajt ma' 3 __________ itfal jilagħbu.

ii) Tmajt 8 ___________ iqtates.

iii) Irbaħt 17 ________________ lira.

iv) 100 ___________ kompetitur ħa sehem fil-kompetizzjoni. (4)

6. Agħti l-**imperattiv** tal-verbi fil-parentesi

(Qagħad) ____________________ studjaw. (1)

7. Aqleb fin-**negattiv**

Il-Karnival iferraħ in-nies. ____________________________________________ (1)

8. i) Agħti l-**għerq** ta' : kaxkruha -- ____________________

ii) Agħti z-**zokk morfemiku** ta' : ipprogramma ______________________ (2)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (5 marki)

### IDJOMI

a. **Alla u r-Reliġjon**

Uri liema idjoma taqbel mas-sentenza billi tirriga taħt it-tajba.

1. Kelinu rnexxielu jaħrab mill-pulizija iżda mill-ġustizzja t'Alla ma jistax jaħrab.
(Alla biss isewwi, id-driegħ t'Alla twil)

2. Fl-inċident stradali mietu żewġ persuni.
(marru għand Alla, Alla jibgħathielhom tajba)

b. **Persuni u Familjari**

Liema idjoma tgħodd għal dawn il-persuni ? Agħmel sinjal taħt it-tajba.

1. Keith kien żagħżugħ imkabbar.
(kellu mnieħru twil, kellu mnieħru mxammar)

2. Minħabba l-marda li ħakmitha, Marija rqaqet ħafna.
(saret għadma u ġilda, demmha kesaħ)

3. Kull fejn jersqu t-tewmin, dejjem jaqilgħu l-inkwiet u l-ġlied bi kliemhom.
(għandhom ilsienhom ta' merill, għandhom ilsienhom ta' lifgħa)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (8 marki)

Agħżel **WAĦDA** u ikteb madwar 60 kelma.

1. Ħutek li huma iżgħar minnek għandhom jattendu laqgħa fiċ-Ċentru Parrokkjali u sejrin waħedhom. Agħtihom id-direzzjonijiet kif għandhom jaslu għal dan iċ-Ċentru.

2. Ikteb dwar il-karattri ta' **tnejn** min-nies li minnhom rajt ħafna ġid.



_____________________________________________

_____________________________________________

_____________________________________________

_____________________________________________

## E. TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI – SEHEM IL-MALTI FIL-KULTURA (8 marki)

Liema persunaġġ ħadt pjaċir tikteb dwaru fil-proġett? Ikteb madwar 60 kelma dwaru.

## F. LETTERATURA (29 marka)

❋❋

### (i) POEŻIJA – NADRIET 2 - Wieġeb il-mistoqsijiet **A** u **B**
(13-il marka)

❋❋

**A**. Wieġeb il-mistoqsijiet : **Il-Barri** ta' Ġorġ Pisani

Jonfoħ, jitħabat, jilheġ,
Marbut u mxekkel sewwa,
Il-barri għajjien mejjet
Sa fl-aħħar daħal ġewwa ;

i) Għaliex il-barri deher *għajjien mejjet*, u fejn daħal ? (2)

ii) Biex ħolom il-barri ? ______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (2)

iii) Min qajmu mir-raqda u l-ħolma li kellu ? ______________________________ (1)

iv) Fl-għeluq tal-poeżija, x'sentimenti jnissel fik il-qtil tal-barri ? ______________________________

______________________________ (1)

**B.** i) **Ġejja x-Xita** ta' Mary Meilak
ii) **Id-Dwejra** ta' Joe Friggieri

Agħżel **WAĦDA** u f'madwar 6 linji ikteb il-ħsieb tal-poeżija.

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________ (7 marki)

❊❊

**(ii) PROŻA** - Wieġeb il-mistoqsijiet **A** u **B**
(16-il marka )

❊❊

**A. Nies Bla Sabar** ta' Temi Zammit (8 marki)

Agħżel **WAĦDA** u ikteb madwar 8 linji

i) Sir Temi Zammit jispiċċa l-istorja **Ċensa u ċ-Ċine** b'dan il-kliem :
*Wara kollox xtaqt naf Ċensa marretx iċ-ċine darb'oħra.* Irrakkonta x'ġara tul l-istorja.

ii) Ikteb dwar il-laqgħa li kellha Lukarda ma' l-iskrivan tal-gvern meta dan mar għandha bil-formoli taċ-ċensiment fl-istorja **Lukarda u l-Għadd tan-Nies.**

______________________________

______________________________

______________________________

**B.** **ĦOLM TAL-MILIED**? ta' Trevor Żahra (8 marki)

Agħżel **WAĦDA** u ikteb madwar 8 linji



i) Leli jinsab marid u n-nanna Franġiska tmur tarah. Wara din iż-żjara n-nanna bdiet tmur għal siegħa adorazzjoni kuljum fil-kappella tas-sorijiet fejn darba kellmitha Sor Amelja. Ikteb dwar :
   a) iż-żjara tan-nanna għand Leli
   b) il-laqgħa ma' Sor Amelja fil-kappella tas-sorijiet

**JEW**

ii) Fil-ħolma, Leli u x-xiħ imorru jaraw lil Betti li darba kienu ltaqgħu magħha fil-wied, iżda issa tinsab marida.
   a) Ikteb dwar din iż-żjara ta' Leli meta jsib ruħu għand iz-zija Ċens li daħħlitu ħdejn is-sodda ta' Betti.
   b) Ikteb dwar l-ikla li saret għand Betti nhar il-Milied.

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 250 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. ( Ikteb fuq karta separata )

1. Immaġina li inti wieħed mill-annimali favoriti tiegħek. Irrakkonta ġurnata mill-ħajja tiegħek.
2. Irbaħt LM50 ! X'beħsiebni nagħmel bihom.
3. Dak li nixtieq nagħmel matul il-vaganzi tas-sajf 2003.
4. Ma kienx mument li ma smajtx minn ommi meta tlaqt ma' ħbiebi għal ġurnata baħar għax….
5. Ikteb dwar kif tqatta' l-ġranet tal-festa tar-raħal tiegħek.